



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2021
COM(2021) 127 final

2021/0066 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u s-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt, il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC 103) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li se ssir virtwalment mill-5 sal-14 ta' Mejju 2021 u fis-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 76) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li se ssir virtwalment mis-7 sas-17 ta' Ġunju 2021. Matul l-MSC 103, huwa previst li jiġu adottati emendi għal:

- Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (il-Konvenzjoni STCW),
- il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt (il-Kodiċi ESP),
- il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS)

Matul l-MEPC 76, huwa previst li jiġu adottati emendi għal:

- il-Konvenzjoni dwar Sistemi tal-Anti-fouling (il-Konvenzjoni AFS)

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tistabbilixxi l-OMI. L-għan tal-OMI huwa li tipprovdi forum għall-kooperazzjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni u l-prattiki relatati ma' kwistjonijiet tekniċi ta' kull tip li jaffettwaw it-tbaħħir involut fil-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, għandha l-għan li thegġegħ l-adozzjoni ġenerali tal-ogħla standards prattikabbli fi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza marittima, l-effiċjenza tan-navigazzjoni u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, filwaqt li tippromwovi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Din għandha tittratta wkoll kwistjonijiet amministrattivi u legali relatati.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri ("MARPOL"), 1973, li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Ottubru 1983 u għall-Anness VI, li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Mejju 2005. L-Unjoni mhijiex parti għal MARPOL.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("SOLAS") tal-1974, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 1980. L-Unjoni mhijiex parti għal SOLAS.

Il-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx (il-Kodiċi IGF) sar obligatorju skont il-Konvenzjoni SOLAS. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi standard internazzjonali għall-vapuri li joperaw bil-gass jew b'likwidi b'punt ta' fjammabilità baxx bħala karburant. Il-Kodiċi jindirizza l-oqsma kollha li jeħtieġu kunsiderazzjoni speċjali għall-użu tal-gass jew ta' likwidi b'punt ta' fjammabilità baxx bħala karburant. Dan jipprovdi kriterji għall-arranġament u għall-installazzjoni ta' makkinarju għal skopijiet ta' propulsjoni u għal skopijiet awżiljarji, li juża l-gass naturali bħala karburant, li se jkollu livell ekwivalenti ta' integrità f'termini ta' sikurezza, affidabilità

u dipendenza bħal dak li jista' jinkiseb b'makkinarju ewlieni u awżiljarju ġdid u komparabbli li jaħdem biż-żejt konvenzjonali.

2.2. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u s-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri. Hija l-awtorità li tistabbilixxi l-istandards globali għas-sikurezza, għas-sigurtà u għall-prestazzjoni ambjentali tat-tbaħħir internazzjonali. Ir-rwol prinċipali tagħha huwa li toħloq qafas regolatorju għall-industrija tat-tbaħħir li jkun ġust u effettiv, u li jiġi adottat u implimentat b'mod universali.

Is-sħubija fl-OMI hija miftuħa għall-Istati kollha u l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-OMI. Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-OMI huma bbażati b'mod partikolari fuq il-Ftehim għall-Kooperazzjoni u l-Kollaborazzjoni konkluż bejn l-Organizzazzjoni Konsultattiva Marittima Intergovernattiva (IMCO) u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-1974.

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI huwa magħmul mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Dan jitratta kwalunkwe kwistjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Organizzazzjoni relatata mal-ġajnuniet għan-navigazzjoni, mal-kostruzzjoni u mat-tagħmir tal-bastimenti, mal-persunal mil-lat ta' sikurezza, mar-regoli għall-prevenzjoni ta' kolliżjonijiet, mal-ġarr ta' merkanzija perikoluża, mal-proċeduri u r-rekwiżiti tas-sikurezza marittima, mal-informazzjoni idrografika, mal-ġurnali ta' abbord u mar-reġistri tan-navigazzjoni, mal-investigazzjoni ta' diżgrazzji marittimi, mas-salvataġġ, u ma' kwalunkwe kwistjoni oħra li taffettwa direttament is-sikurezza marittima.

Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI huwa magħmul ukoll mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Dan jindirizza kwistjonijiet ambjentali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Organizzazzjoni fir-rigward tal-kontroll u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti koperti mit-trattat ta' MARPOL, inkluż iż-żejt, il-kimiċi li jinġarru bl-ingrossa, id-dranaġġ, l-iskart u l-emissjonijiet mill-vapuri fl-arja, inklużi s-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Kwistjonijiet oħra koperti jinkludu l-ġestjoni tal-ilma tas-saborra, is-sistemi tal-anti-fouling, ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, l-istat ta' preparazzjoni u ta' rispons għat-tniġġis, u l-identifikazzjoni ta' żoni speċjali u ta' żoni tal-baħar li huma partikolarment sensitivi.

Kemm il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima kif ukoll il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI jipprovdu mekkaniżmi għat-twetiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilhom mill-Konvenzjoni tal-OMI, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew kwalunkwe dmir fil-kamp ta' applikazzjoni msemmi hawn fuq li jista' jiġi assenjat lilhom minn jew skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u aċċettat mill-OMI. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar, u tal-korpi sussidjarji tagħhom jiġu adottati mill-maġġoranza tal-Membri tagħhom.

2.3. L-atti previsti tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI

Mill-5 sal-14 ta' Mejju 2021, l-MSA 103 għandu jadotta emendi għall-Konvenzjoni u l-Kodiċi STCW, il-Kodiċi ESP, il-Kodiċi FSS, il-Kapitolu III ta' SOLAS u l-Kodiċi LSA.

L-għan tal-emendi previsti għar-regolament 1/1 tal-Konvenzjoni STCW huwa li tiġi inkluża definizzjoni ta' "vultaġġ għoli" u għat-taqsim A-1/1 tal-Kodiċi STCW huwa li tiġi emendata d-definizzjoni ta' "livell operazzjonali" biex tiġi inkluża l-kapaċità ta' "uffiċjal elettrotekniku".

L-għan tal-emendi previsti għall-Anness 2 tal-Parti A tal-Anness B tal-Kodiċi ESP tal-2011 huwa li l-kejl tal-ħxuna tat-tankers taż-żejt b'buq doppju jiġi ristrett għal żoni ta' suspett biss fl-ewwel stħarriġ ta' tiġdid.

L-għan tal-emendi previsti għall-Kapitolu 9 tal-Kodiċi tas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (FSS) huwa li tiġi ċċarata l-aċċettazzjoni tal-iżolament tal-ħsarat f'taqsimi identifikabbli inqas kumplessa u inqas għalja għal sistemi ta' ditekters tan-nar identifikabbli individwalment li jiġu installati fuq il-vapuri tal-merkanzija u fuq il-gallariji tal-kabini tal-vapuri tal-passiġġieri.

2.4. L-att previst tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI

Mill-10 sas-17 ta' Ġunju 2021, l-MEPC 76 għandu jadotta emendi għall-Konvenzjoni AFS. L-għan tal-emendi previsti huwa li jiġi inkluż iċ-ċibutrin fil-lista ta' sustanzi tal-anti-fouling ipprojbti. Dan huwa riżultat ta' inizjattiva tal-UE.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIIEHED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara

Matul is-sitt sessjoni tas-Sottokumitat għall-Element Uman, it-Taħriġ u l-Għassa (HTW 6), li saret f'Londra mid-29 ta' April sat-3 ta' Mejju 2019, is-Sottokumitat aċċetta talba mill-ITF li tipproponi li jiġi ċċarat il-livell operazzjonali tal-funzjonijiet ta' "uffiċjal elettrotekniku" fid-definizzjoni ta' "livell operazzjonali" fit-taqsimi A-I/1 tal-Kodiċi STCW (Definizzjonijiet u kjarifiki) u l-inklużjoni ta' definizzjoni ġdida tat-terminu "vultaġġ għoli" f'din it-taqsimi.

Sussegwentement, is-Sottokumitat qabel fuq l-abbozz ta' definizzjoni ta' "vultaġġ għoli" li għandha tiġi inkluża fir-regolament STCW I/1, kif stabbilit fl-anness 7 tal-HTW 6/13 għas-sottomissjoni lill-MSA 102 għall-approvazzjoni bil-għan li tiġi adottata. Is-Sottokumitat qabel ukoll fuq l-abbozz ta' emenda għat-taqsimi A-I/1 tal-Kodiċi STCW dwar l-inklużjoni tal-kapaċità "uffiċjal elettrotekniku" fid-definizzjoni ta' "livell operazzjonali", bħala emenda konsegwenzjali għall-introduzzjoni ta' din il-kapaċità bħala parti mill-Emendi ta' Manila tal-2010, kif stabbilit fl-anness 8 tal-HTW 6/13, għas-sottomissjoni lill-MSA 102 għall-approvazzjoni bil-għan li tiġi adottata.

L-MSA 102 approva l-emendi u l-paragrafi 13.9 u 13.10 tar-rapport tal-MSA 102 (MSA 102/24) jindikaw li huwa previst li l-emendi jiġu adottati fl-MSA 103.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi peress li dawn jiċċaraw il-livell operazzjonali tal-funzjonijiet ta' "uffiċjal elettrotekniku" u jintroduċu definizzjoni komuni tat-terminu "vultaġġ għoli"

3.2. Emendi għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt (il-Kodiċi ESP)

Fis-seba' sessjoni tiegħu, is-Sottokumitat għad-Disinn u għall-Kostruzzjoni tal-Bastimenti kkunsidra proposta mill-IACS, appoġġata minn studju, biex jiġi emendat l-anness 2 tal-parti A tal-anness B tal-Kodiċi ESP tal-2011, kif emendat mir-riżoluzzjoni MSC.461(101), fejn ikun biżżejjed li jiġu kkunsidrati biss żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna fl-ewwel stħarriġ ta' tiġdid ta' tankers taż-żejt b'buq doppju. Wara diskussjoni qasira, is-Sottokumitat qabel li jabbozza emendi għall-Kodiċi ESP tal-2011, kif stabbilit fl-anness 7, għas-sottomissjoni lill-MSA 102 bil-għan li jiġu approvati u sussegwentement adottati.

L-MSK 102 approva l-emendi u l-paragrafu 17.24 tar-rapport tal-MSK (MSK 102/24) jindika li huwa previst li l-emendi jiġu adottati fl-MSK 103. Din il-kwistjoni kienet diġà inkluża fid-dokument informali tal-UE għall-MSK 102.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi peress li jippermettu lill-IACS tiffoka fuq żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna ta' tankers taż-żejt b'buq doppju.

3.3. Emendi għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS).

L-MSK 98 kien jinkludi output ġdid dwar "Emendi għall-kapitolu 9 tal-Kodiċi FSS għar-rekwiżiti tal-iżolament tal-ħsarat għall-vapuri tal-merkanzija u l-gallariji tal-kabini tal-vapuri tal-passiġġieri mgħammra b'sistemi ta' detetturi tan-nar identifikabbli individwalment" fl-aġenda biennali tal-2018-2019 tas-Sottokomitat u fl-aġenda proviżorja għall-SSE 6, bil-għan li dawn jitlestew sal-2020 (MSK 98/23, il-paragrafu 20.34).

Fis-7 sessjoni tiegħu, is-Sottokomitat dwar is-Sistemi u t-Tagħmir tal-Vapuri (SSE) qabel mal-abbozz ta' emendi għall-kapitolu 9 tal-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS) u l-abbozz ta' riżoluzzjoni assoċjat tal-MSK, kif stabbilit fl-Anness 3 tar-rapport tiegħu SSE 7/21 bil-għan li jiġi approvat mill-MSK 102.

L-MSK 102 approva l-abbozz ta' emendi għall-kapitolu 9 tal-Kodiċi FSS, u l-paragrafu 19.8 tar-rapport tal-MSK (MSK 102/24) jindika li huwa previst li l-emendi jiġu adottati fl-MSK 103.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi peress li jakkomodaw sistemi, li jikkombinaw is-sikurezza mtejbja ta' detetturi tan-nar identifikabbli individwalment, li huma meħtieġa għall-vapuri tal-passiġġieri, bl-iżolament tal-ħsarat f'taqsimha identifikabbli inqas kumplessa u inqas għalja, li huma aċċettabbli għall-vapuri tal-merkanzija u l-gallariji tal-kabini tal-vapuri tal-passiġġieri biss.

3.4. Emendi għall-Konvenzjoni dwar Sistemi tal-Anti-fouling

L-MEPC 71 aċċetta t-talba tal-UE li tipproponi output ġdid biex jiġi emendat l-Anness 1 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti (AFS), 2001, biex jiġu inklużi kontrolli fuq iċ-ċibutrin u ressaqha għall-ħames sessjoni tas-Sottokomitat għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tniġġis (PPR 5) għall-kunsiderazzjoni.

L-MEPC 73 innota li l-PPR 5, wara li għall-ewwel qabel li l-proposta inizjali li jiġi emendat l-Anness 1 għall-Konvenzjoni AFS biex jiġu inklużi kontrolli fuq iċ-ċibutrin, kif sottomessa f'isem l-Unjoni fid-dokument PPR 5/19 flimkien mal-informazzjoni li tinsab fid-dokument PPR 5/INF.9, issodisfat ir-rekwiżiti tal-Anness 2 għall-Konvenzjoni AFS, kien qabel li kien meħtieġ rieżami aktar dettaljat taċ-ċibutrin.

Wara diskussjonijiet fil-PPR 7, is-Sottokomitat qabel ma' (1) l-abbozz ta' emenda għall-Anness 1 (Kontrolli fuq sistemi tal-anti-fouling) għall-Konvenzjoni AFS biex jiġu inklużi kontrolli fuq iċ-ċibutrin, kif stabbilit fl-Anness 1 għall-Anness 6, għall-kunsiderazzjoni mill-MEPC 75, bil-għan li jiġu riżolti d-dati effettivi attwalment fil-parentesi kwadri u l-approvazzjoni sussegwenti; u (2) l-abbozz ta' emendi għall-Anness 4 (Rekwiżiti tal-istħarriġ u taċ-ċertifikazzjoni għal sistemi tal-anti-fouling) għall-Konvenzjoni AFS, inkluż l-abbozz ta' emendi għall-formola mudell taċ-Ċertifikat Internazzjonali tas-Sistema tal-Anti-fouling, għall-kunsiderazzjoni mill-MEPC 75, bil-għan li jiġu approvati.

L-MEPC 75 iffinalizza t-test tal-emendi għall-Konvenzjoni AFS u l-paragrafu 10.17 tar-rapport tal-MEPC (MEPC 75/18) jindika li huwa previst li l-emendi jiġu adottati fl-MEPC 76.

Il-pożizzjoni li jiġu appoġġati dawn l-emendi ġiet inkluża fid-dokument informali tal-UE għall-MEPC 75.

L-Unjoni bdiet is-sejħa għal projbizzjoni globali fuq din is-sustanza tal-anti-fouling, li issa ġiet ipprojbita milli tinbiegħ fl-UE. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi, peress li se jintroduċu projbizzjoni globali ta' din is-sustanza, u b'hekk jintlaħaq l-għan tal-UE.

3.5. Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u l-kompetenza tal-UE

3.5.1. Emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara

Id-Direttiva 2008/106/KE¹ tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-baħħara jiġu mħarrġa bħala minimu f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW u japplikaw il-parti A obbligatorja tal-Kodiċi STCW. L-Artikolu 1, il-paragrafi 6 u 7 tad-Direttiva li jindikaw ir-responsabbiltajiet għal kwistjonijiet elettriċi għal uffiċjali speċifiċi tal-vapuri, u r-Regolament III/5 tal-Kapitolu I tal-Anness I, li jirreferi għall-funzjoni speċifika tal-inġinerija elettriċa, elettronika u ta' kontroll, li għaliha jiġu assenjati l-ħiliet speċifikati fl-istandards ta' kompetenza huma partikolarment rilevanti fil-każ inkwistjoni. L-emendi li għandhom jiġu adottati fl-MSK 103, li jintroduċu bidliet fil-Parti A tal-Kodiċi STCW, se jaffettwaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

3.5.2. Emendi għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt

L-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jagħmlu l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni (CAS) tal-OMI obbligatorja għal tankers taż-żejt b'buq wieħed li għandhom aktar minn 15-il sena. Il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt jew il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet (ESP) jispeċifika kif għandha ssir din il-valutazzjoni intensifikata. Peress li l-CAS tuża l-ESP bħala l-għodda biex tilħaq l-għan tagħha, kwalunkwe bidla fl-ispezzjonijiet tal-ESP, bħall-emendi attwali biex l-istħarriġ jiffoka biss fuq żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna fl-ewwel stħarriġ ta' tiġdid ta' tankers taż-żejt b'buq doppju se jkun applikabbli awtomatikament permezz tar-Regolament (UE) Nru 530/2012.

3.5.3. Emendi għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS)

L-Artikolu 6(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri³ japplika SOLAS, kif emendata, għall-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi A. Il-Kodiċi FSS isir obbligatorju għall-vapuri tal-passiġġieri permezz ta' SOLAS.

Għalhekk, l-emendi għall-Kodiċi FSS li għandhom jiġu adottati fl-MSK 103, jaffettwaw ir-rekwiżiti applikabbli permezz tad-Direttiva 2009/45/KE.

¹ ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33–61

² ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3–9

³ ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1–140

3.5.4. *Emendi għall-Konvenzjoni dwar Sistemi tal-Anti-fouling*

Ir-Regolament tal-UE dwar il-Prodotti Bijoċidali (UE) Nru 528/2012⁴ jirregola t-tqegħid fis-suq u l-użu ta', *inter alia*, prodotti tal-anti-fouling. Wara r-riżultat ta' diversi studji xjentifiċi u r-rieżami bejn il-pari mwettaq fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/107 tas-27 ta' Jannar 2016⁵ li effettivament tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq kif ukoll l-użu ta' żebgħa tal-anti-fouling li fiha ċ-ċibutrin fl-Istati Membri kollha tal-UE u fl-Istati taż-ŻEE. Għalhekk, l-emendi għall-Konvenzjoni dwar is-Sistemi tal-Anti-fouling se jaffettwaw ir-Regolament (UE) 528/2012.

3.5.5. *Il-kompetenza tal-UE*

L-emendi għall-Parti A tal-Kodiċi STCW jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/106/KE.

L-emendi għall-Kodiċi ESP jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 530/2012.

L-emendi għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS) jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/45/KE.

L-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 528/2012.

Għalhekk, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE u, għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-atti li jadottaw l-emendi msemmija hawn fuq.

4. **BAŻI ĠURIDIKA**

4.1. **Bażi ġuridika proċedurali**

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew ta’ parti għall-ftehim⁶.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”⁷.

⁴ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123

⁵ ĠU L 21, 28.1.2016, p. 81–82

⁶ Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

⁷ Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61-64.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u l-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI huma korpi stabbiliti bi ftehim, il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-atti li dawn iż-żewġ kumitati tal-OMI huma mitluba jadottaw jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE li ġejja, jiġifieri:

- Id-Direttiva (UE) 2008/106 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara. Dan minħabba li d-Direttiva tapplika l-Parti A tal-Kodiċi STCW.
- Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed. Dan minħabba li r-Regolament jagħmel obligatorju l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni (CAS) tal-OMI għal tankers taż-żejt b'buq wieħed li għandhom aktar minn 15-il sena. Il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt jew il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet (ESP) jispeċifika kif għandha ssir din il-valutazzjoni intensifikata. Peress li l-CAS tuża l-ESP bħala l-għodda biex tilħaq l-għan tagħha, kwalunkwe bidla fl-ispezzjonijiet tal-ESP se tkun applikabbli awtomatikament permezz tar-Regolament (UE) Nru 530/2012.
- Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri. Dan minħabba li d-Direttiva 2009/45 tistabbilixxi li l-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi A għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS, kif emendata. Il-Kodiċi FSS isir obligatorju permezz tal-Konvenzjoni SOLAS.
- Ir-Regolament (UE) 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. Dan minħabba li r-Regolament jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq kif ukoll l-użu ta' żebgħa tal-anti-fouling li fiha ċ-ċibutrin fl-Istati Membri kollha tal-UE u fl-Istati taż-ŻEE.

Għalhekk, l-emendi għal

- il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara
- il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt
- il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS),
- il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti

jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2008/106 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara; ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed; id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-

passiġġieri; u r-Regolament (UE) 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, rispettivament.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva sabiex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawk il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw it-trasport marittimu. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u s-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt, il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.
- (2) L-OMI hija aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u s-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar u tal-arja mill-vapuri. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tal-OMI. L-Unjoni mhijiex membru tal-OMI.
- (3) Skont l-Artikolu 28(b) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima jista' jadotta emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara ("Konvenzjoni STCW")¹ u għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("il-Konvenzjoni SOLAS")².
- (4) Skont l-Artikolu 38(a) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar jista' jadotta emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti ("Konvenzjoni AFS")³.
- (5) Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, matul il-103 sessjoni tiegħu mill-5 sal-14 ta' Mejju 2021, għandu jadotta emendi għall-Konvenzjoni STCW, il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta'

¹ Il-Konvenzjoni STCW daħlet fis-seħħ fit-28 ta' April 1984.

² Il-Konvenzjoni SOLAS daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 1980.

³ Il-Konvenzjoni AFS daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Settembru 2008.

Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt (il-Kodiċi ESP) u l-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza Kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS).

- (6) Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar, matul is-76 sessjoni tiegħu mill-10 sas-17 ta' Ġunju 2021, għandu jadotta emendi għall-Konvenzjoni AFS.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul il-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, peress li l-emendi għall-STCW, għall-Kodiċi ESP u għall-Kodiċi FSS se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, ir-Regolament (UE) 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, rispettivament.
- (8) L-emendi għall-Parti A tal-Kodiċi STCW tal-Konvenzjoni STCW jiċċaraw il-livell operazzjonali tal-funzjonijiet ta' "uffiċjal elettrotekniku" u jintroduċu definizzjoni komuni tat-terminu "vultaġġ għoli". Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa daww l-emendi minħabba li jiċċaraw il-funzjonijiet ta' persuni li jaħdmu abbord, u b'hekk jipprovdu aktar ċarezza dwar ir-responsabbiltajiet u l-kompiti differenti.
- (9) L-emendi għall-Anness 2 tal-parti A tal-Anness B tal-Kodiċi ESP jippermettu lis-surveyors jiffokaw fuq żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna ta' tankers taż-żejt b'buq doppju. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa daww l-emendi minħabba li dawn se jżidu s-sikurezza fuq il-baħar u jnaqqsu r-riskju ta' tixrid f'każ ta' aċċidenti.
- (10) L-emendi għall-Kapitolu 9 tal-Kodiċi FSS jakkomodaw sistemi, li jikkombinaw is-sikurezza mtejbja ta' detetturi tan-nar identifikabbli individwalment, li huma meħtieġa għall-vapuri tal-passiġġieri, bl-iżolament tal-ħsarat f'taqsimha identifikabbli inqas kumplessa u inqas għalja, li huma aċċettabbli għall-vapuri tal-merkanzija u l-gallarija tal-kabini tal-vapuri tal-passiġġieri biss. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa daww l-emendi minħabba li se jwasslu għal protezzjoni aħjar tal-persuni abbord f'każ ta' nirien.
- (11) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar, peress li l-emendi għall-Annessi 1 u 4 tal-Konvenzjoni AFS se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, ir-Regolament (UE) 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali.
- (12) L-emendi għall-Annessi 1 u 4 tal-Konvenzjoni AFS jiżguraw projbizzjoni globali fuq is-sustanza tal-anti-fouling, iċ-ċibutrin, li diġà hija pprojbita milli tinbiegħ fl-Unjoni.
- (13) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Baħar u tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent Marittimu tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt,

⁴ Id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3).

⁶ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fil-103 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") għandhom ikunu li jaqblu ma':

- (a) l-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara stabbiliti fl-Annessi 7 u 8 tad-dokument tal-OMI MSC 102/24;
- (b) l-adozzjoni tal-emendi għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-programm imtejjeb ta' spezzjonijiet waqt il-kontrolli ta' Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u Tankers taż-żejt, stabbiliti fl-Anness 15 tad-dokument tal-OMI MSC 102/24; u
- (c) l-adozzjoni tal-emendi għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien stabbiliti fl-Anness 20 tad-dokument tal-OMI MSC 102/24.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-76 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI għandha tkun waħda li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-Sistemi tal-Anti-fouling ta' Ħsara fuq il-Bastimenti, stabbiliti fl-Anness 7 tad-dokument tal-OMI MEPC 75/18.

Artikolu 3

- 1. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt.
- 2. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President